MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2006

Numru 454/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

**V**

**ANTOINE JOSEPH CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTOINE JOSEPH CASSAR** ta’ sebgha w ghoxrin sena bin Carmel u Gaetana nee Rapinett, imwieled Pieta nhar t-tnax ta’ Gunju 1978 u residenti ‘Notre Dame Mansions’, Triq Enrico Mizzi, Ta’ Xbiex, detentur tal-karta tal-identita numru 307778M gie mressaq quddiemha akkuzat talli b’diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda gewwa Ta’ Xbiex Malta:

1. fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra ta’ Mejju 2006 u l-hdax ta’ Mejju 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Yogo li ggib n-numru ta’ registrazzjoni BAF 303, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Daphne Cassar, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

2. talli fil-lejl ta’ bejn l-hamsa w s-sitta ta’ Mejju 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Honda Accord li ggib n-numru ta’ registrazzjoni GBE 017, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Paul Fenech u l-kumpanija De La Rue Currency and Security, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

3. talli fil-lejl ta’ bejn d-disgha w ghoxrin w t-tletin ta’ April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Honda Jazz li ggib n-numru ta’ registrazzjoni LOU 583, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Louise Galea, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

4. talli fil-lejl tad-disgha w ghoxrin ta’ April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Daihatsu li ggib n-numru ta’ registrazzjoni JBH 127, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Domenico Mallia, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

5. talli fil-perjodu ta’ bejn t-tmienja w ghoxrin w id-disgha w ghoxrin ta’ April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Izuzu Gemini li ggib n-numru ta’ registrazzjoni LAW 316, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Matthew Casha, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

6. talli fil-perjodu ta’ bejn l-ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin ta’ April 2006, voluntarjament hassar,

ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Mitsubishi li ggib n-numru ta' registrazzjoni DAR 797, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Andrew Cassar, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

7. talli fil-perjodu ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w it-tnejn w ghoxrin ta' April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Volks Wagen Golf li ggib n-numru ta' registrazzjoni ROS 151, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Rosina Fabri, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

8. talli fil-perjodu ta' bejn il-lejl tal-weihed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin ta' April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Toyota li ggib n-numru ta' registrazzjoni DEC 001, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Josef Andrzej Dec, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

9. talli fil-perjodu ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin ta' April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Ford Ka li ggib n-numru ta' registrazzjoni QKX 785, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Daphne Abela, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

10. talli fil-perjodu ta' bejn d-dsatax u l-ghoxrin ta' April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Renault li ggib n-numru ta' registrazzjoni DAQ 076, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Elvira Rudrum, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

11. talli fil-perjodu ta' bejn s-sbatax w d-dsatax ta' April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Hyundai Atos li ggib n-numru ta' registrazzjoni FBH 126, mobbli jew immobbli

ghad-dannu ta’ Joanna Buttigieg, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

12. talli fil-perjodu ta’ bejn l-hmistax w s-sittax ta’ April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Opel li ggib n-numru ta’ registrazzjoni EBG 321, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Nicholas Critien, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

13. talli fil-perjodu ta’ bejn t-tnax w s-sitta w ghoxrin ta’ April 2006, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura tal-marka Nisan Micra li ggib n-numru ta’ registrazzjoni EBJ 615, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Giovanni Butters u Sylvia Pearl Galea, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin;

14. talli fit-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2005 gewwa Ta’ Xbiex, ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq bieb, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Vincent Abela u nies ohra, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hamsin lira maltin izda izjed minn ghaxar liri maltin;

15. talli fit-tnax ta’ Mejju 2006, u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett ta’ flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat;

16. talli fit-tnax ta’ Mejju 2006, u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, kellu f’idejh jew fuqu sikkina ta’ kull xorta li tkun b’xafra jew bil-

ponta jew strument iehor bil-ponta  minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-diversi dokumenti esibiti.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tlettax ta’ Mejju 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 13] meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlettax ta’ Mejju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat wkoll li b’digriet tat-tlettax ta’ Mejju 2006, din il-Qorti fil-presentata kienet innominat lil Miriam Sevasta sabiex thejji pre sentencing inquiry report dwar l-imputat u kienet wkoll hatret lil Psikjatra Dottor Joseph Cassar sabiex jezamina lil imputat u jirrelata dwar l-istat mentali tal-istess.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2006 **xehdet Miriam Sevasta** [fol 34] fejn qalet li meta hi bdiet tespleta l-inkarigu moghti lilha b’digriet tat-tlettax ta’ Mejju 2006, rriskontrat certi diffikultajiet biex taghmel r-rapport taghha u dan ghaliex Dottor Moses Camilleri li jahdem fid-Detox tal-isptar San Luqa ma kienx ikkopera maghha u m’ghaddilhiex l-informazzjoni rikjesta minnha.  Qalet li cio nonostante, l-imputat kien taha l-kunsens tieghu biex tigbor d-data

necessarja.  Hi ppresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 36].
Illi nhar d-dsatax ta’ Lulju 2006 **xehed l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar** [fol 59] fejn qal li l-problema principali li sab fl-imputat w is-sintomi li ppresenta, ma humiex relatati normalment mat-tehid tal-*methadone* jew l-Eroina.  Qal li ghalkemm l-imputat kien qed jaghmel l-visti regolari tieghu d-Detox, dan d-dipartiment meta jiccekkja l-Eroina u sustanzi lleciti, jiccekkja biss ghal *opiates*, kokaina u *cannabis* u jhalli barra certi sustanzi ohra bhal anfetamini. Qal li jithallew barra wkoll l-*cannabinoids* u li huma dawn s-sustanzi li jikkawzaw l-*paranoia* u l-allucinazzjonijiet li kien qed ikollu l-imputat u cioe dawk s-sustanzi li mhux qed jigu ccekkjati.  Kompla jixhed li l-imputat qatt ma kellu xi *history* fl-isptar Monte Carmeli u ghalhekk hu ra biss l-*history file* tad-Detox.  Mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputat qattx kellu xi visti psikjatrici ohjra apparti dik li ghamel hu, x-xhud wiegeb li l-imputat kien innega mieghu li kellu tali visti.  Qal infatti li Dottor Moses Camilleri ma kienx *aware* ta’ dak li kien qed ibati minnu l-imputat u cioe l-*paranoia*.

Zied jghid li mill-ezami psikjatriku li hu ghamel fuq il-imputat, kif wkoll mix-xhieda ta’ omm l-istess imputat, <u>deher car li l-imputat kellu deluzjonijiet paranoici w allucinazzjonijiet</u> u dawn jimpeduh milli jkollu kontroll effettiv fuq l-kapacitajiet tieghu ta’ *volere ed intendere*.

Fuq domanda tal-Qorti ix-xhud qal li l-imputat llum il-gurnata kellu <u>distakk mir-realta</u> u jghid li hemm nies li jixtiequlu d-deni u li ghadu ghaddej minn deluzjonjijiet paranoici.  Qal li fl-urina li l-imputat issottometta lid-Detox, d-droga Eroina dejjem baqghet posittiva.  Qal li ghalkemm mhux normali li l-Eroina taghmel dawn s-sintomi, l-imputat mieghu kien allega li juza sustanzi ohra u jekk effettivament uza sustanzi ohra u hu ma sarx jaf bihom, dawk s-sintomi jistghu jkunu relatati ma sustanzi lleciti. Qal li fil-fehma ta’ Dottor Moses Camilleri, li hu t-tabib tad-Detox, l-imputat qatt ma rnexxielu jinqata mid-droga.  Ix-xhud Dottor Joseph Cassar ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JC [fol 61].

Fil-konkluzzjonijiet ta' dan r-rapport tieghu, Dottor Joseph Cassar qal li l-unika triq li wiehed jara fil-kura tal-imputat hija dik li jaghmel programm residenzjali fit-tul biex jaqta l-vizzju tad-droga u sakemm ikun f'dan il-programm jibqa taht kura psikjatrika sabiex tigi moniterjata l-psikozi tal-imputat. Qal wkoll li wara disintossifikazzjoni totali mis-sustanzi u wara li jghaddu divesi gimghat fejn wiehed jista jara jew le jekk l-psikozi hijiex gejja mid-droga jew hija xi haga *innate*.

**Xehed ghal darb'ohra**, fuq domanda tal-Qorti**, Doctor Joseph Cassar** nhar d-disgha ta' Awissu 2006, fejn, meta gie mistoqsi b'mod specifiku, jekk l-imputat kellux l-poteri ta' volonta w intellett fil-mument meta kkommetta r-reati 'n kwistjoni, ix-xhud wiegeb b'mod kategoriku fin-negattiv u stqarr li l-imputat kien distakkat mir-realta.

Illi nhar d-dsatax ta' Lulju 2006 **xehed Dottor Joseph Spiteri** [fol 67] fejn ikkonferma li l-imputat presenti fl-awla kien pazjent tieghu. Qal li dan iddahhal fil-*forensic unit* fit-tmienja ta' Lulju 2006 u kien ghadu hemm sa dakinhar. Qal li l-imputat kien qallu li xi tlett xhur qabel ma ddahhal l-habs kien taht *house arrest* peress li kien tilef l-liberta provizorja u li xahrejn qabel dan, kienu qed jinkwetawh xi girien. Skond l-imputat, l-girien kienu qed immorru taht t-tieqa tieghu u jkellmuh hazin u li kien ghalhekk li agixxa b'dak l-mod w ghamel hsara fil-karozzi taghhom. Qal li hu ma kienx f'posizzjoni jghid jekk dawk l-affarijiet kienux minnhom jew le ghaliex z-zmien kien wiehed qasir. Qal li l-imputat kien bniedem pjuttost suspettuz u l-imgieba tieghu kienet ostili u jissuspetta hazin fin-nies.

**Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-imputat ANTOINE JOSEPH CASSAR, jinzamm taht il-kustodja fl-isptar Monte Carmeli u ghandu jibqa hemm mizmum skond d-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att tal-1976 tal-Kapitolu 262 tal-Ligijiet ta' Malta – Att relatat mas-Sahha Mentali u skond kull disposizzjoni ohra tal-ligi applikabbli ghal kaz fejn ghandu jibqa taht l-kura medika.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata minnufih lis-Supretendent tal-imsemmi Sptar Monte Carmeli u lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------